# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 1 ta' Jannar 2017

Solennità tal-Imqaddsa Marija Omm Alla

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw is-solennità tal-Imqaddsa Marija Omm Alla. Din il-festa tal-lum turina li Marija hi ommna wkoll u tħeġġiġna sabiex bla biża' ta' xejn nirrikorru lejha.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Num 6, 22-27)

Alla jkellem lil Mosè u jgħidlu li HU huwa dak li jbierek lil ulied Iżrael u ma jinsihomx.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Gal 4, 4-7)

San Pawl jgħidilna li Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex kull min jemmen fih, jgħix għal dejjem.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 2, 16-21)

Ir-rgħajja, wara li rċevew l-aħbar tat-twelid ta' Ġesù mingħand l-anġlu, marru jgħaġġlu sabiex jaraw din id-dehra tal-għaġeb.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

l-Imqaddsa Marija Omm Alla għandha tkun mudell għall-ħajja tagħna. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti frott il-ħidmiet diversi tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-imħabba li ngħixu fid-dawl tal-omm tagħna Marija tilħaq il-milja tagħha meta aħna naċċettaw lil Alla f'ħajjitna u nħalluh jgħammar fina.

Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.